MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 436/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Donald Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Donald Bonnici ta’ 29 sena, bin Joseph u Catherine nee’ Mangion mwieled Pieta’ 22 ta’ Novembru, 1974 u residenti St. Joseph Flts, Flt 7 Wilga Str, Paceville detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 571074M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fid-29 ta’ Novembru, 2009 u matul dan l-ahhar xahar, gewwa c-Cirkewwa u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti,

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dawr il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2006,[1] l-imputat, kif assistit, minn jeddu irregistra l-ammissjoni tieghu ghar-rigward ta’ pussess semplici biss.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

[1] Ara fol. 43 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-kontendenti huma s-segwenti:

1. L-imputat – li dak iz-zmien kien jahdem bhala *bar manager* go stabbiliment f'Paceville - kien qieghed ma siehbu fil-karozza fil-kju jistenna biex jitla' fuq il-vapur t'Ghawdex biex imur hemm ghal btala ta' gurnata jew tnejn.
2. Il-Pulizija ghamlet tfixxija fil-vettura tal-imputat u nstabet borza li kien fiha t-trab abjad. Gie elevat ukoll mobile minn fuq l-imputat u nstabet bagalja zghira bil-hwejjeg.
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li d-droga kienet tieghu u li kien hemm madwar 10 grammi kokajina. Huwa qal li kien ikkonsma ftit minnha xi saghtejn qabel. Huwa qal li hallas tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin (LM385) ghad-droga kollha b'tlieta u hamsin lira Maltin (LM35)-il gramma.
4. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:[2]

   *"a) li ma nstabux tracci ta' sustanzi illegali fuq zewg bicciet plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 045/05/01;*

   *b) li nstabu tracci tas-sustanza kokajina fuq bicca plastik li kien hemm fid-dokument 045/05/01*

   *c) li fil-blokka ta' sustanza bajda li kien hemm fid-dokument 045/05/02, f'ammont nett totali ta' 9,989 grammi, instabet fiha s-sustanza Kokajina. Cirka 55% tal-blokka ta' sustanza bajda kienet Kokajina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

[2] Ara rapport tal-Espert Spizjar Mario Mifsud ezebit bhala Dok MM a fol. 18 tal-process.

L-imputat mhux qed jikkontesta l-pussess semplici tad-droga kokajina - in fatti huwa formalment ammetta ghal dan il-pussess f'dawn il-proceduri, kif intqal aktar il'fuq. Pero, l-imputat qed jikkontesta l-aggravanti li l-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u ghax hu qed jghid li d-droga kienet kollha intiza ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti processwali, u hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatti:

1. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta, li l-Pulizija kienet investigat il-mobile phone tal-imputat u ghamlet investigazzjoni fuq il-persuna li kien fil-vettura tal-imputat sabiex tara jekk hu kellux konnessjoni mal-abbuz tad-droga, izda dawn l-investigazzjonijiet irrizultaw kollha fin-negattiv. L-unika prova li qed tistrieh fuqha l-prosekuzzjoni hija li l-kwantita ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat u cioe kwazi 10 grammi.

2. Jirrizulta li l-imputat ma kienx jinjetta ruhu biex jikkonsma l-kokajina, imma kien jiehu in-nifsijiet minnha wara li jsahhanha fuq bicca aluminium foil tal-kcina. L-espert spizjar Mario Mifsud xehed li l-kokajina in kwistjoni kienet *crack* jigifieri li kienet imsajra lesta biex tittiehed: *"Jigifieri ghandek process jizdied il-bi-carbonate maghha u tigi forma ta' blokka wahda biex tikkunsmaha li tissejjah crack."*[3] In kontro-ezami, imbaghad l-espert xehed hekk: *"... ... inti biex issajjarha, biex tiffurmaha, inti tibda minn hydrochloride. Issa meta taqlibha, inti roughly titlef, minn kull gramma titlef qisu 0.1 of a gram. Jigifieri biex niftiehmu biex tifforma 9,89, kwazi tlift 1.5 grams mill-hydrochloride biex taqlibha ... ... Number one biex issajjarha inti trid tibda minn hydrochloride jigifieri qisu biex niftiehmu kristalli ghax il-crack tkun block. On average titlef qisu 0.1 of a gram min kull gramma. Jigifieri jekk ghandek hawn 10 grams weight tkun tlift 1.2 grams on the total weight on average. Issa jiddependi wkoll il-persuna kemm ikun jaf isajjar jigifieri tista' tnaddafha wara ... ..."*[4]

3. Carmen Nygaard, l-Ufficjal tal-Probation li hejjiet is-Social Inquiry Report, xehdet li l-imputat qalilha li hu kien jabbuza mid-droga kokajina darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha. Pero' meta kien jiehu kien jiehu ammont kbir ghax hu kien isajjarha, u ghalhekk jahli minnha.[5]

---

[3] Ara xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 15 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 78 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Carmen Nygaard a fol. 48 tal-process.

4. Irrizulta wkoll mill-provi, li l-imputat kien sejjer btala ta' xi gurnata jew tnejn Ghawdex, u ghalhekk huwa verosimili li l-imputat xtara d-droga minn Malta u kien bi hsiebu itellaghha mieghu Ghawdex, biex ma joqghodx ifittex minghand min jixtri d-droga f'Ghawdex.

5. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li huwa kien xtara d-droga ghall-ammont ta' tlieta mija hamsa u tmenin lira Maltin (LM385.00), li hu ammont sostanzjali. Pero mill-provi migbura jirrizulta li l-imputat dejjem hadem u kellu x-xoghol tieghu u dak iz-zmien kien jiggestixxi bar f'Paceville, u ma rrizultax li qatt kellu problemi finanzjarji.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, partikolarment in vista li kokajina in kwistjoni instabet f'forma ta' blokka *crack*, u mhux f'forma ta' trab abjad, din il-Qorti ma tistax teskludi fuq bazi ta' probabbilita li, ghalkemm l-piz tal-kokajina huwa wiehed sostanzjali, hija kienet intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Ghaldaqstant, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjoni ta' pussess aggravat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali. Pero gie ppruvat biss – u anke ammess mill-imputat - il-pussess semplici tad-droga kokajina.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

L-ammont ta' 9.989 grammi kokajina li nstab fil-pussess tal-imputat huwa wiehed sostanzjali.

L-imputat ikkopera mal-Pulizija u mis-*Social Inquiry Report* jirrizulta li huwa gheleb il-vizzju tal-abbuz tad-droga.

Ghalkemm il-fedina penali aggornata tal-imputat mhix wahda nadifa, lanqas jista' jinghad li hija allarmanti. Fil-fatt huwa ghandu erba' kundanni minn dawn il-Qrati: tnejn minnhom relatati ma ksur tal-ligijiet tas-sewqan u tnejn ohra relatati mal-ligijiet tal-gestjoni ta' *bar*.

In vista tal-fatt, li l-imputat ammetta r-reat ta' pussess semplici tad-droga kokajina, wara li l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud kien halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jhallas l-ispejjez ta' dan l-espert.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tar-reat kompriz u involut fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, ta' pussess semplici tad-droga kokajina, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-13 t'April 2015, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u erba' Euro u wiehed u sebghin centezmu (€604.71), ekwivalenti ghal mitejn u disa' u hamsin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm259.60), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------